MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Numru 870/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**ANOUSKA FENECH**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Anouska Fenech ta’ 25 sena, bnt John u Sylvia nee’ Bugeja, imwielda tal-Pieta’ nhar it-23 ta’ Mejju, 1980, residenti fil-fond bl-isem ‘Ta’ Namera’, Triq il-Barbagann, San Gwann, detentrici tal-karta tal-identita’ bin-numru 261 080 (M);

Akkuzata talli nhar il-31 ta’ Lulju, 2005, matul il-lejl, minn gewwa il-fond kummercjali maghruf bhala *Sugar Shake*, li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ikkommettiet serq ta’ *mobile phone* tal-marka *Samsung*, ta’ Yanica Rapinett mill-Iklin, liema serq huwa aggravat

bil-hin, bil-valur u bil-persuna, u dan *ai termini* tal-Artikoli 261, 267, 268 u 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli bejn il-31 ta’ Lulju, 2005 u l-24 ta’ Settembru, 2005, xjentement laqghat ghandha, jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement indahlet b’kull mod sabiex tbieghhom jew tmexxihom, u dan *ai termini* tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Onorabbli Qorti u dan wara li kienet instabet hatja ta’ serq u giet illiberata bil-kundizzjonijiet li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena mid-data tas-sentenza, liena sentenza inghatat nhar id-9 ta’ Gunju, 2005, mill-Magistrat Dott Anthony J Vella, BA, LL.D., MA.

Wara li rat l-Arikoli 261, 267, 268, 270 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat li t-tieni akkuza nghatat bhala alternattiva ghal-ewwel, u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess akkuza ta’ ricetazzjoni.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputata, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghatat zmien xieraq biex tikkonsidra din l-ammissjoni taghha.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi, qiegheda ssib lill-imsemmija Anouska Fenech hatja tal-akkuzi kif dedotti kontrieha u tordna li titqieghed taht Ordni ta’ *Probation* ghal zmien tmintax-il xahar (18), u dan *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------